MISSION FUND

NO: 102 DIĊEMBRU 2011 - FRAR 2012

NEWSPAPER POST

# IL-MISSJUNARJU



EDITORJAL

## Sena ta' Ħidma u Esperjenzi

Tul dawn l-aħħar 28 sena li ilha mwaqqfa l-Mission Fund, kull ma' tmur dejjem qed iżżid fil-ħidma u l-attivitajiet tagħha. Id-donazzjonijiet lill-missjunarji dan l-aħħar żdiedu minn €1,200 għal €1,500 kull missjunarju, filwaqt li l-isqfijiet nagħtuhom €3,000. Din is-sena twettqu żewġ proġġetti: il-bini ta' estenzjoni tas-sala tal-maternita' fl-isptar Makiungu fit-Tanzanija u l-bini ta' ċentru parrokkjali ġewwa Izabal fil-Gwatemala. Dan iċ-ċentru parrokkjali ser ikun immexxi minn Fr Anton Grech, saċerdot żagħżugħ Għawdxi mimli kollu entużjażmu, saħħa, u enerġija. Izabal hija parroċċa ġdida għal Fr Anton, u tikkonsisti f'raħal viċin il-port u ħafna kappelli mferrxin qalb il-foresta. Għalhekk biex jieħu ħsieb din il-parroċċa, Fr Anton għandu ħafna skariġġ u strapazz. Fr Anton ħass il-ħtieġa li jinbena dan iċ-ċentru parrokkjali biex ikollu fejn jgħallem u jlaqqa' l-parruċċani tiegħu. Dan il-proġett jidher li kien suċċess ieħor bħal l-oħrajn, għax l-iskop li morna għalih intlaħaq. Wettaqna ħafna xogħol fil-bini u xogħol tal-ħadid, filwaqt li n-nisa għamlu ħafna xogħol tal-ħjata, kif ukoll għamilna xi żjajjar fid-djar.

Wara ġimgħa xogħol iebes fi sħana kbira konna nistennew il-ġurnata tal-Ħadd bħal erwieħ tal-purgatorju biex nieħdu naqra mistrieħ u rikrijazzjoni. Nhar ta' Ħadd Fr. Anton kien l-ewwel iqaddes fil-knisja tar-raħal u wara kien immur iqaddes f'xi kappella qalb il-foresta. Aħna konna mmorru miegħu u magħna kienu jiġu xi nies minn tal-lokal ukoll. Dawn il-kapelli kienu jkunu ħafna il' bogħod qalb il-foresta – kellna sagħtejn sewqan u xi sagħtejn oħra mixi. Biex naslu konna rridu ngħaddu minn fuq pontijiet tal-ħabel jew magħmulin biz-zkuk, konna naqsmu xmajjar minn ġo ħafna ċaflis u tajn jew konna nagħddu minn trejqiet dojoq qalb is-siġar. Minn barra hekk, ġieli qabditna x-xita jew sħana kbira. Il-kappella tkun magħmula miz-zkuk tal-'bamboo' u saqaf mill-weraq tal-palm. Nies ħafna ma tantx kien ikun hemm għax dawn kienu jkunu villaġġi żgħar. Dawn in-nies ma jħallukx tersaq lejn il-kappella qabel ma' l-ewwel jiġu jinċensawk u jbbaħruk, biex jekk tkun ħadt miegħek xi spirti ħżiena jkeċċuhom. Wara l-quddiesa lin-nies ta' hemm konna nagħtuhom xi affarijiet li aħna nkunu ħadna magħna u ġieli tajnihom xi donazzjoni żgħira għal dawk li l-izjed ikunu fqar. Dawn in-nies għandhom id-drawwa li jagħtu xi ħaġa ta' l-ikel lil kull min imur iżurhom. Għalhekk wara li spiċċat il-quddiesa huma ppreparaw mejda bil-brodu bir-ross mgħolli u xi ċappati. Għalkemm aħna kellna ordni biex nieklu biss l-ikel li nippreparaw aħna biex nevitaw il-mard jew xi infezzjoni, il-ġuħ beda jagħmel tiegħu għax kienu s-2.00 p.m.. F'dak il-ħin ftakart x'kien qal Kristu lill-Appostli meta qalilhom, 'Kulu dak kollu li jġibulkom quddiemkom'. Ftakart ukoll meta qalilhom 'La tibżaw xejn, għax xejn ma' jista' jagħmlilkom ħsara'. Għalhekk b'dawn il-ħsibijiet ġo moħħi u b'dik ir-riħa tfuħ tal-brodu, ħarisna lejn xulxin u kulħadd qabad jiekol. U ħwejjeġ tal-għaġeb ħadd ma' ġralu xejn għax kulħadd għadu jferfer sal-lum.

Kellna wkoll l-okkażjoni li nżuru l-*fish farm* li l-Mission Fund kienet bniet fl-2007 f'San Manuel Chapparon. Kien ta' sodisfazzjon kbir għalina naraw dawk il-vaski mimlija kollha ħut. Huwa proġett li rnexxa ħafna u qed iħalli ħafna ġid għax mill-flus li qed jidħlu mill-proġett nfetħet klinika li qed timpjega tabib. Hemm ħafna esperjenzi simili x'wieħed jirrakkonta imma l-ispazju ma jippermettix. Bħalma tafu s-sena waslet biex tispiċċa, u għall-grazzja t'Alla l-Mission Fund kellha sena tajba ħafna għall-fatt li rċeviet ħafna u qassmet ħafna. Għalhekk nixtieq nirringrazzja lill-benefatturi u l-voluntiera tal-Mission Fund u lill-poplu Malti u Għawdxi kollu għal dak kollu li tagħmlu mal-Mission Fund biex tkun tista' tkompli tgħin lil missjunarji u lil min hu anqas ixxurtjat minna. Minn qiegħ qalbi nixtieqilkom Milied ħieni u sena mimlija risq.

Philip Micallef - Teżorier

Address: Eureka Court, Block A Flat 6; Main Street, Mosta MST 1018 • Opening Hours: Mon–Fri 9am –1pm
Tel/Fax: (+356) 2141 3664 – 24-hr Answering Machine Service • Website: www.missionfund.org.mt • E-mail: missionfund@global.net.mt
Il-Mission Fund hija reġistrata bħala organizzazzjoni filantropika skont l-Att ta' l-2007 dwar l-Organizzazzjonijiet Voluntarji - Reg.N⁰- VO/0015

# CHRISTMAS BUFFET LUNCH

Post: Canifor Hotel, Triq in-Nakkri, Qawra

Meta: Il-Ħadd **11 ta' Diċembru, 2011**

Ħin: Mill-12.00 'il quddiem

Prezz: Kbar €18.00 - Tfal taħt it-12 'il sena €9.00

## BUFFET LUNCH MENU

(Octopus, Calamari, Mussels, Meat Terrines and Pates, Meat Balls, Chicken Fritters,
Onion Rings, Arancini, Rice Salad
Cold Pasta, Vegetable Salad, Tomatoes, Coleslaw, Haricot Beans, Cucumber, Lettuce,
Olives)
*****
Lasagna al Forno / Pasta Carbonara/ Chicken Soup / Vegetable Soup
Roast Pork with Apple Sauce (Carvery)
Roast Beef with Horseradish Sauce (Carvery)
Roast Turkey with Cranberry Sauce (Carvery)
Roast Chicken with Mushroom Sauce
Poached Cerna Bon Assisi
Vegetables in Season / Roast & Natural Potatoes
********
Gateaux Table / Mince Pies
Glass of wine or soft drink / Coffee
****

*Ejjew u ġibu lill-ħbieb u lill-qraba tagħkom. Aħsbu kmieni għax il-postijiet huma limitati. Arranġamenti għat-transport jistgħu jsiru għal min ikollu bżonn. Ibbukkjaw l-uffiċċju fuq tel: 21413664 ( mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-09.00 sas-13.00 ) jew Charles Decelis 21575351 / 99885078 sad-9 ta' Diċembru, 2011.*

*************************************************************************************

*Fil-Milied naħsbu ħafna biex nagħtu rigali lil maħbubin tagħna. Nafu li intom tħobbu ħafna lill-foqra fl-artijiet tal-missjoni, għalhekk inħeġġukhom biex tagħmlu rigal b'donazzjoni u b'hekk tixgħelu l-qlub ta' tant imsejknin.*

------------------------------------------------- ***aqta` hawn*** -------------------------------------------------

*Jien* ________________________________ *li noqgħod* ____________________________________

____________________________________________________ *Post Code:* ________________

*qed nibgħat €* _______ *permezz ta' cheque / money order pagabbli lill-Mission Fund.*

------------------------------------------------- ***aqta` hawn*** -------------------------------------------------



Il-Kumitat u l-membri tal-**MISSION FUND** jawguraw lill-benefatturi,

MILIED ĦIENI U SENA MIMLIJA BARKA U PAĊI FIL-MULEJ.

GRAZZI ħafna ta' l-għajnuna li tagħjtuna matul is-sena 2011.

*Il-Kumitat*